VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,326, 16 ta' Ottubru, 2014
Taqsima B

A.L. 383 tal-2014

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni tal-2014 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2014 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 5).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-2 ta' Ottubru, 2014.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Blokk, magħruf bħala Blokk C, li jikkonsisti f'disa' *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 69183 sa 69191 u li jeskludi s-sottoswol f'Tal-Ħawli, Wesgħa Mattia Preti, Birgu. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq San Dwardu, mill-Majjistral ma' Wesgħa Mattia Preti u mil-Lbiċ ma' Triq il-Kottonera u jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 51054. Il-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block C" fuq il-pjanta P.D. 2013_666. (HAA 201/2012).

(2) Blokk, magħruf bħala Blokk F, li jikkonsisti

f'tmintax-il *flat* li minnhom tnejn qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u sitt ġonna f'Tal-Ħawli fi Triq Peppi Vella, Birgu. Dan il-blokk imiss mix-Xlokk ma' Triq Peppi Vella, mill-Majjistral ma' spazju miftuħ u mil-Lbiċ ma' Triq il-Qalb ta' Ġesu. Il-flats enumerati 1 sa 5, Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72686 sa 72690, il-*flats* enumerati 2 sa 6, Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72693 sa 72697, il-*flats* enumerati 1 sa 6, Entratura C jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72698 sa 72703 u s-siti A sa F jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 52683 sa 52688. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistat b'Kuntratt Nru. 185/80 datat 19 ta' Novembru 1980 u b'Kuntratt Nru. 187/78G datat 9 ta' Awwissu 1978, it-tnejn fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_667. (HAA 99/2013, HAA 81/2011, HAA 158/2011).

(3) L-amministrazzjoni ta' sitt *flats* u erbat idjar fi Blokk 7 fi Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Triq de Opertis, Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur u Triq ta' Lhud, Birgu. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, mil-Lbiċ ma' Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa u mill-Majjistral ma' Triq de Opertis. Dan il-blokk jikkonsisti fi tliet *flats* enumerati 1 sa 3 aċċessibbli minn entratura komuni fi Triq ta' Lhud reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 62823 sa 62825, żewġt idjar aċċessibbli minn entraturi separati fi Triq ic-Centinarju tal-Parroċċa reġistrati mal-Gvern bħala *flats* enumerati 4 u 5 bin-numri tat-Tenement 62826 u 62827, tliet *flats* enumerati 6 sa 8 aċċessibbli minn entratura komuni fi Triq de Opertis reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 62828 sa 62830 u żewġt idjar aċċessibbli minn entraturi separati fi Triq il-Palazz Antik tal-Gvernatur reġistrati mal-Gvern bħala *flats* bin-numri 9 u 10 bin-numri tat-Tenement 62831 u 62832. L-art li fuqha jinsab dan il-blokk tinsab fil-proċess li tiġi akkwistata mill-Gvern u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 7" fuq il-pjanta P.D. 2013_670. (HAA 130/2013, HAA 163/2013).

(4) L-amministrazzjoni ta' sitt *flats* u erbat idjar fi Blokk 8 fi Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Triq de Operatis, Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur u Triq il-Madonna ta' Monserrat, Birgu. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, mil-Lbiċ ma' Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa u mill-Majjistral ma' Triq il-Madonna ta' Monserrat. Dan il-blokk jikkonsisti fi tliet *flats* enumerati 1 sa 3 aċċessibbli minn

VERŻJONI ELETTRONIKA

entratura komuni fi Triq de Operatis reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 62833 sa 62835, żewġt idjar aċċessibbli minn entraturi separati fi Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa reġistrati mal-Gvern bħala *flats* enumerati 4 u 5 bin-numri tat-Tenement 62836 u 62837, tliet *flats* enumerati 6 sa 8 aċċessibbli minn entratura komuni fi Triq il-Madonna ta' Monserrat reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 62838 sa 62840 u żewġt idjar aċċessibbli minn entraturi separati fi Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur reġistrati mal-Gvern bħala *flats* enumerati 9 u 10 bin-numri tat-Tenement 62841 u 62842. L-art li fuqha jinsab dan il-blokk tinsab fil-proċess li tiġi akkwistata mill-Gvern u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 8" fuq il-pjanta P.D. 2013_751. (HAA 129/2013, HAA 131/2013).

(5) Blokk, magħruf bħala Blokk 11, li jikkonsisti fi tmien *flats* reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 62363 sa 62370 u li jeskludi s-sottoswol, li jifforma parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Hubbard Flats fi Triq Alessandra, Bormla. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq Rikkardu Taylor u mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' passaġġ pubbliku. L-art li fuqha jinsab dan il-blokk ġiet akkwistata mill-Gvern mingħand il-War Department b'Kuntratt datat 21 ta' Marzu 1931 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 11" fuq il-pjanta P.D. 2013_712. (HAA 21/2013).

(6) Blokk, magħruf bħala Blokk A5 li jikkonsisti f'sitt *flats* reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72821 sa 72826 fi Triq Mahatma Gandhi, Fgura u jmiss mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' toroq pubbliċi u mill-Grigal ma' Triq Mahatma Gandhi. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 73/93 datat 3 ta' Marzu 1993 fl-atti tan-Nutar V. Miceli u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block A5" fuq il-pjanta P.D. 2013_695. (HAA 128/2013).

(7) Blokk, li jikkonsisti f'erbatax il-*flat* li minnhom ħamsa qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq Antonio u Maria Cumbo u Triq l-14 ta' Diċembru 1945, Fgura. Dan il-blokk imiss mill-Punent ma' Triq il-Karmnu, mit-Tramuntana ma' Triq Antonio u Maria Cumbo u min-Nofsinhar ma' Triq l-14 ta' Diċembru 1945. Il-*flat* enumerat 2 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 68029, il-*flats* enumerati 4 u 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 68031 u 68032, il-*flats* enumerati 7 sa 10 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 68034 sa 68037 u l-*flats* enumerati 13 u 14 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri

68040 u 68041. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 83202 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_688. (HAA 233/2012).

(8) Blokk, li jikkonsisti fi tmienja u għoxrin *flat* li minnhom tnax qed jiġu eskluży mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u li jeskludi s-sottoswol fi Triq il-Kapuċċini u Triq San Franġisk, il-Furjana. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq Pietro Floriani, mill-Majjistral ma' Triq San Franġisk u mix-Xlokk parti ma' Triq il-Kapuċċini u parti ma' proprjetà privata. Il-*flat* enumerat 2 f'Nru. 83 fi Triq il-Kapuċċini jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 63733, il-*flats* enumerati 7 sa 10 f'Nru. 83 fi Triq il-Kapuċċini jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 63738 sa 63741, il-*flats* enumerati 1 sa 3 f'Nru. 84 fi Triq San Franġisk jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 63752 sa 63754, il-*flats* enumerati 5 u 7 f'Nru. 84 fi Triq San Franġisk jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 63733 u 63758 rispettivament, il-*flat* enumerat 1 f'Nru. 86 fi Triq San Franġisk jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 63742, il-*flats* enumerati 5 sa 7 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 63746 sa 63748 u l-*flats* enumerati 9 u 10 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 63750 u 63751. Il-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_605. (HAA 194/2012, HAA 153/2012, HAA 150/2012).

(9) Blokk li jikkonsisti f'dsatax il-*maisonette*, tlieta u għoxrin garaxx u dar fi Triq il-Kapuċċini, Kalkara u ta' madwar 1675.46 metru kwadru. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' spazju miftuħ, mil-Lbiċ ma' Triq il-Kappuċċini u mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku u jinsab fuq proprjetà tal-Gvern parzjalment parti minn art moxa W00063 u parti ma' proprjetà akkwistata permezz tal-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Att I ta' l-1983). Il-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2014_439. (HAM 7/2000 Vol. 4).

(10) Blokk, magħruf bħala Blokk G2 li jikkonsisti f'disa' *flats* li minnhom tlieta qed jiġu eskluży mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq it-Trinċetta, Mosta. Dan il-blokk imiss mil-Lvant u mit-Tramuntana ma' passaġġ pubbliku u min-Nofsinhar ma' Triq l-Istiratur. Il-*flat* enumerat 1 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 72349, il-*flat* enumerat 3 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 72351, il-*flats* enumerati 5 sa 7 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72353

VERŻJONI ELETTRONIKA

sa 72355 u l-*flat* enumerat 9 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru.72357. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 7/75 datat 15 ta' Jannar 1975 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block G2" fuq il-pjanta P.D. 2013_762. (HAA 57/2013).

(11) Blokk, magħruf bħala Blokk 2 - Binja Ħamrija, li jikkonsisti f'ħamsa u għoxrin *flat* u ħames kmamar li minnhom erbgħa qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Ħamrija, Naxxar. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq il-Ħamrija, mill-Majjistral ma' Triq Gibiltà u mil-Lbiċ ma' Triq l-Arġentina. Il-*flats* enumerati 1 sa 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 76336 sa 76340, il-*flats* enumerati 8 sa 12 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 76343 sa 76347, il-*flats* enumerati 14 sa 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 76348 sa 76350, il-*flats* enumerati 18 sa 25 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 76352 sa 76359 u l-kmamar A sa E jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 79512 sa 79516. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 116/74 datat 12 ta' Marzu 1974, b'Kuntratt Nru. 151/73 datat 24 ta' Awwissu 1973 u b'Kuntratt Nru. 293/74 datat 28 ta' Awwissu 1974 kollha fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 2 - Binja Ħamrija" fuq il-pjanta P.D. 2013_678. (HAA 122/2013).

(12) Blokk, magħruf bħala Blokk 7, li jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom tlieta qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Fontanier, Qormi. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Majjistral ma' Triq il-Fontanier u mil-Lbiċ ma' Pjazza PP Psaila. Il-*flat* enumerat 2 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 66243 u l-*flats* enumerati 5 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 66246 sa 66249. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 51197 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 7" fuq il-pjanta P.D. 2013_641. (HAA 125/2013).

(13) Blokk, magħruf bħala Skema 2, Blokk 1, Bibien A-D, li jikkonsisti fi tlieta u għoxrin *flat* li minnhom tlieta qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, f'Telgħet Raħal Ġdid, Raħal Ġdid. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Telgħet Raħal Ġdid, mil-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Lbiċ ma' passaġġ pubbliku u mill-Majjistral ma' Vjal Sir Paul Boffa. Il-*flats* enumerati 1 sa 3, Bieb A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 65031 sa 65033, il-*flats* enumerati 1 u 2, Bieb B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 65034 u 65035, il-*flats* enumerati 4 sa 8, Bieb B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 65037 sa 65041, il-*flats* enumerati 1 sa 8, Bieb C jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 63945 sa 63952 u l-*flats* enumerati 2 u 3, Bieb D jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 63954 u 63955. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 301 datat 25 ta' Settembru 1957 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Blokk 1" fuq il-pjanta P.D. 2013_635. (HAA 209/2012, HAA 210/2012, HAA 211/2012, HAA 212/2012).

(14) Blokk, magħruf bħala Blokk 2, Bibien A - B, li jikkonsisti f'sittax-il *flat* li minnhom sitta qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u sit wieħed f'Triq ir-Rihan, San Ġwann. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq ir-Rihan, mill-Majjistral ma' Triq it-Tamar u mix-Xlokk ma' Triq il-Palma. Il-*flats* enumerati 2 sa 4, Bieb A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 68929 sa 68931, il-*flats* enumerati 6 sa 8, Bieb A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 68933 sa 68935, il-*flats* enumerati 9, 11, 13 u 15, Bieb B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 68936, 68938, 68940, 68942 rispettivament, u s-sit jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 52426. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 181/70 datat 26 ta' Ġunju 1970, b'Kuntratt Nru. 21/81 datat 18 ta' Frar 1981 u b'Kuntratt Nru. 23/81 datat 25 ta' Frar 1981 kollha fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2014_37. (HAA 80/2013, HAA 69/2011).

(15) Blokk, magħruf bħala Blokk A1, li jikkonsisti f'sitt *flats* li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li diġa` kien trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar. Dan il-blokk imiss mill-Grigal, mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' passaġġi pubbliċi. Il-*flat* enumerat 1 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 72917 u l-*flats* enumerati 3 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72919 sa 72922. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50365 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block A1" fuq il-pjanta P.D. 2013_669. (HAA 128/2013).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(16) Blokk, magħruf bħala Blokk E, li jikkonsisti f'tlettax il-*flat* li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li diġa` kien trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Ħalib it-Tajr, Santa Luċija. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq il-Ħalib it-Tajr, mill-Punent ma' Triq Santa Katerina Vitale u mill-Majjistral parti ma' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar jew tas-suċċessuri tagħha fit-titolu u parti ma' proprjetà tal-Gvern. Il-*flats* enumerati 1 sa 3 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 66930 sa 66932 u l-*flats* enumerati 5 sa 13 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 66934 sa 66941. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn proprjeta` tal-eks-Servizzi 16147 u fuq proprjetà akkwistata b'Kuntratt Nru. 87/77 datat 16 t'Awwissu 1977 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block E" fuq il-pjanta P.D. 2013_621. (HAA 269/2012).

(17) Blokk, magħruf bħala Blokk 10, Bibien 7 u 8, li jikkonsisti fi tnax-il *flat* li minnhom erbgħa qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Gardenja, Santa Luċija. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq il-Gardenja, mix-Xlokk ma' passaġġ pubbliku u mill-Grigal ma' Triq it-Tulipani. Il-*flats* enumerati 1 sa 3, Bieb 7 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 64435 sa 64437, il-*flat* enumerat 5, Bieb 7 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 64439, il-*flat* enumerat 7, Bieb 7 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 64441, u l-*flats* enumerati 2 sa 8, Bieb 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 64444 sa 64450. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 16/73 datat 27 ta' Jannar 1973 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 10" fuq il-pjanta P.D. 2014_422 (HAA 39/2014, HAA 86/2011).

(18) Biċċa art u sit, magħrufin bħala Plots 98 u 99, fi Triq it-Tulipani, li jiffurmaw parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern ta' Santa Luċija Neighbourhood I, f'Santa Luċija, b'kejl ta' madwar 267.57 metru kwadru, imissu mill-Grigal ma' Triq it-Tulipani u mix-Xlokk u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern. Il-*plots* huma soġġetti għal enfitewsi perpetwu b'Kuntratt Nru. 16/75/P datat 12 ta' Ġunju 1978 fl-atti tan-Nutar F. Pellegrini, u li jinsabu fuq parti minn proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 126/60 datat 7 ta' Mejju 1960 u b'Kuntratt Nru. 348/59/A datat 31 t'Ottubru 1959 it-tnejn fl-atti tan-Nutar A. Attard. Il-*plots* jinsabu reġistrati fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru.

VERŻJONI ELETTRONIKA

41518 u jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "No. 10" fuq il-pjanta L.D. 11_82_70. (HAP 4/2014).

(19) Garaxx, magħruf bħala Garaxx 2 fil-Qasam tad-Djar tas-Siġġiewi, Siggiewi, reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 71771 u li jmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lbiċ ma' spazju miftuħ. Dan il-garaxx jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 72/98 datat 8 t'April 1998 fl-atti tan-Nutar V. Miceli, b'Kuntratt Nru. 246 datat 4 t'Awwissu 1976 u b'Kuntratt Nru. 7/78 datat 11 ta' Jannar 1978 it-tnejn fl-atti tan-Nutar A. Grech u jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Garage No.:2 Property No.: 71771" fuq il-pjanta P.D. 159_82_11_A. (HA 254/98).

(20) Blokk, magħruf bħala Blokk 1, li jikkonsisti f'sittax il-*flat* li minnhom tmienja qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u li jeskludi s-sottoswol fi Triq il-Mediterran, Valletta. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern, mix-Xlokk ma' Triq il-Mediterran u mil-Lbiċ ma' Triq San Kristofru. Il-*flat* enumerat 1 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 62996, il-*flats* 3 sa 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 62998 sa 63000, il-*flats* enumerati 9 u 11 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 63004 u 63006 rispettivament u l-*flats* enumerati 15 u 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements enumerati X51793 u X51794. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern mikrija għal iżjed minn 30 sena u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 1" fuq il-pjanta P.D. 2013_731. (HAA 103/2013).

(21) Blokk, magħruf bħala Blokk 2 City Gate Project, Valletta, imiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lbiċ ma' Triq il-Papa Piju V. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenements bin-numri 60447 u 60448 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat fuq il-pjanta P.D. 2013_744. (HAA 27/2013).

(22) Blokk, magħruf bħala Blokk B, Ex-Flores College, li jikkonsisti f'disa' *flats* li minnhom erbgħa qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq l-Ifran, Valletta. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar jew tas-suċċessuri tagħha fit-titolu, mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' Triq l-Ifran. Il-*flat* enumerat 4 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 68786 u l-*flats* enumerati 6 sa

VERŻJONI ELETTRONIKA

9 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 68788 sa 68791. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 83215 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_741. (HAA 113/2013).

(23) Blokk, magħruf bħala Blokk 188F, li jikkonsisti fi tnax il-*flat* li minnhom ħamsa qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u li jeskludi s-sottoswol, fi Triq Sant'Ursola, Valletta. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq Sant'Ursola, mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar jew tas-suċċessuri tagħha fit-titolu. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 62955 u 62956, il-*flats* enumerati 5, 7 u 10 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 62959, 62961 and 62964 rispettivament u l-*flats* enumerati 11 u 12 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri X51785 u X51786. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern mikrija għal iżjed minn 30 sena u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 188F" fuq il-pjanta P.D. 2013_734.(HAA 24/2013).

(24) Biċċa art u sit, magħrufin bħala Plot 75, fi Vjal il-Labour, li jifforma parti mill-Qasam tad-Djar tax-Xewkija, x-Xewkija, Għawdex, b'kejl ta' madwar 175.64 metru kwadru u jmiss mill-Grigal ma' Vjal il-Labour, mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar. Il-*plot* hu soġġett għal enfitewsi perpetwu b'Kuntratt Nru. 113 datat 3 t'Ottubru, 1975 fl-atti tan-Nutar J. Busuttil. Il-plot jinsab reġistrat fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. Z41285 u jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 19_97_1. (HAP 8/2013).